Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 25/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

*L-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma ZOOM nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bartolo talbu li jkun skużati minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 24 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt nr. 7.2 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kien ikkorisponda mal-Awtorità ta' Trasport dwar il-każ tal-parkeġġ ta' Triq San Ġorġ fejn informa lill-istess Awtorità li l-Kunsill kien ser jipproċedi jekk ma jirċeviex risposta lura. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li ma kienx hemm risposta u għaldaqstant talab l-approvazzjoni finali tal-Kunsill sabiex jipproċedi bit-tneħħija tal-parkeġġ. Huwa fakkar li l-Awtorità kienet tiġa kkonfermat qabel illi mhux permissibbli li fil-wiesgħa tat-Triq San Ġorġ bejn Triq il-Wied u Sorijiet ikun hemm parkeġġ fuq żewġ naħat. Għaldaqstant il-membri qablu li l-Kunsill jipproċedi billi jneħħi l-ispazji tal-parkeġġ min-naħa waħda tat-triq.

3. **Korrispondenza**

3.1. Proposta mingħand il-GreenPak sabiex il-Kunsill Lokali Paola jestendi il-ftehim li jkopri il-ġbir ta' skart separat wara li l-Kunsill talab ukoll għall-proposti. Il-membri iddiskutew il-proposta kif imwassla u qablu li isir il-ftehim filwaqt li issir ukoll kampanja nformattiva dwar il-ġbir tal-iskart.

3.2. Proposta mingħand id-Direttorat tat-tindif sabiex jiġi iffirmat MOU bejn l-istess Direttorat u l-Kunsill Lokali Paola sabiex jingħataw servizzi ta' tindif, ġbir ta' skart mormi illegalment mill-lokalita u ta' tindif u ħasil ta' partijiet mil-lokalita bla ħlas mill-istess direttorat. Il-membri approvaw li jiġi iffirmat dan il-ftehim.

3.3. Proposta mingħand il-Fondazzjoni Kottonera sabiex jiġi iffirmat MOU bejn l-istess fondazzjoni u l-Kunsill Lokali Paola sabiex l-entitajiet imsemmija jikkolaboraw bejniethom fuq proġetti u aspetti diversi sabiex fost l-oħrajn jippromovu l-iżvilupp kulturali tal-lokalita. Il-membri approvaw li jiġi iffirmat dan il-ftehim.

4. **<u>Proġetti</u>**

4.1. Is-Sindku informa lill-membri illi tkompla ix-xogħol fuq il-proġetti fejn fost l-oħrajn saru laqgħat mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi li qed tagħmel il-proġett tal-ġnien Covid-19 f'parti minn Ġnien il-Mediterran sabiex fost l-oħrajn jissaqqa l-ġnien b'mod awtomatiku. Apparti min hekk is-Sindku qal li tkompla ix-xogħol mal-Ministeru tal-Intern li ser ikun qed jagħmel Dog Park f'parti oħra tal-Ġnien il-Mediterran, liema proġett ser isir ukoll mir-residenti tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku qal li l-pjanti qed jinħadmu sabiex fil-ġranet li ġejjin ikunu inkorporati fi pjanta waħda li qed jagħmel il-Kunsill sabiex umbagħad tiddaħħal applikazzjoni waħda u sħiħa mal-Awtorità tal-Ippjanar.

4.2. Is-Sindku kompla wkoll u qal li bit-tender tax-xogħolijiet infrastrutturali minuri li approva li jinħareġ il-Kunsill fl-aħħar laqgħa ikunu jistgħu isiru proġetti żgħar bħall-isqaqien li kellhom isiru mill-kuntrattur preżenti però li ma setgħux jibdew.

4.3. Il-Kunsillier Axisa xtaq jirrimarka li dawn il-proġetti huma kollha importanti għall-lokalita u żied illi jixtieq jirringrazzja wkoll lil Perit tal-Kunsill li għoġbu jattendi għall-appell li sar dwar żvilupp partikolari propost fil-lokalita, liema żvilupp kien tiġa l-Kunsill ħa pożizzjoni kontra tiegħu.

5. **<u>Immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġ</u>**

5.1. Is-Sindku qal illi kif wieħed seta' jara fil-media, bħala parti mill-proġett tal-flyovers ta' Raħal Ġdid u l-Marsa, sar parkeġġ kbir fl-akwata taċ-ċimiterju tal-Addolorata kif ukoll sar parkeġġ kbir fl-MCAST però mhux qed jiġi mmasimiżżat il-potenzjal ta' dawn il-parkeġġi. Għaldaqstant kompla billi ippropona li l-Kunsill Lokali Paola jitlob lill-Malta Public Transport sabiex tniedi servizz ta' park and ride li jwasslek sal-Pjazza ta' Raħal Ġdid minn dawn il-parkeġġi. Is-Sindku kompla li dan is-servizz però irid jingħata meta jiddaħħlu fil-lokalita miżuri ta' parkeġġ kontrollat, mhux għar-residenti, li bihom jiġi inkuraġġit l-użu ta' dan il-park and ride. Is-Sindku sostna li r-residenti tagħna ma jistgħux jibqaw isofru minn dan l-inkonvenjent. Il-membri qablu.

5.2. Is-Sindku qal li madwar tlett snin ilu kien wasal ma Transport Malta li l-ħruġ tal-vetturi kbar (kontejners) għar-roundabout ta’ Triq Dom Mintoff/benniena ma jkunx permissibbli li isir minn Triq l-Isqof Buhagiar. Kompla li dan baqa’ ma seħħx u l-problema kompliet tikber. Għaldaqstant is-Sindku ippropona li jerġa isir kuntatt ma Transport Malta sabiex il-vetturi kbar ma joħorġux minn Kordin minn Triq l-Isqof Buhagiar imma minn Triq il-Baċir naħa tal-MCAST jew inkella naħa ta’ Triq Għajn Dwieli. Il-membri qablu mal-proposta u li anke ssir lagħqa mal-Awtorità ta’ Trasport sabiex jiġi diskuss dan it-tibdil. Il-Kunsillier Camilleri saħaq li jekk l-Awtorità ma tiġix lura għanda ssir ukoll pressjoni bl-Avukat.

## 6. <u>Pjazza Antoine De Paule</u>

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, sargħet laqgħa mal-Avukat li qed tirrappreżenta l-Kunsill flimkien mal-membri tal-Kunsill fejn kienu diskussa l-miżuri li l-Kunsill jista’ jieħu dwar in-nuqqasijiet tal-proġett tal-pjazza De Paule. Kompla li f’din il-laqgħa kien hemm qbil li issir laqgħa mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta’ Malta kif ukoll li tintbagħat ittra bl-Avukat li anke ssemmi proċeduri legali li jistgħu jittieħdu. Is-Sindku qal li din il-laqgħa mbagħad sargħet u fuq parir tal-Avukat stess kien hemm preżenti flimkien magħha is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u Kunsillier ieħor, liema kunsillier kellu jkun il-Kunsillier Bartolo li però sfortunatament ma setax umbagħad jikkonetja mal-laqgħa li sargħet online minħabba problemi tekniċi. Għal-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u c-Chairperson tal-Kunsill Konsultattiv Dr Etienne Grech.

6.2. Is-Sindku kompla li f’din il-laqgħa ġew diskussi in-nuqqasijiet u kien konfermat li r-responsabiltà ta’ dawn in-nuqqasijiet hija tal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta’ Malta u f’ċertu każijiet tal-kuntrattur imqabbad mill-istess Kunsill Konsultattiv. Is-Sindku kompla li f’din il-laqgħa intalbet l-aħħar stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn isiru kif ukoll sargħet it-talba tal-Kunsill li x-xogħol li irid isir għandu jitlesta sal-aħħar tas-sajf ta’ din is-sena. Is-Sindku kkonferma wkoll li ser isir studju dwar ir-raġuni għalfejn niżlet it-triq. Is-Sindku żied li dawn l-istudji u x-xogħolijiet li hemm bżonn isiru kien konfermat li ser isiru kollha mill-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta’ Malta.

**7. Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku qal li l-problema tal-abbużi ambjentali żdiedet kemm fil-lokalita u madwar il-pajjiż kollu u żied li għalkemm qed isiru CCTV, huwa diffiċli li jitressqu persuni li ma jkunux faċilment identifikati mill-filmati. Għaldaqstant is-Sindku żied illi irid isir appell lill-awtoritajiet tal-infurzar biex jibgħatu nies pajżana biex dawn il-persuni li jabbużaw jitħarrku fil-post.

7.2. Is-Sindku qal li kien infurmat li ser isir ix-xogħol fit-triq tad-daħla tal-Ipoġew li kienu approvat f'leġislatura preċedenti tal-Kunsill fejn t-triq tal-bieb tal-Ipoġew tkun waħda pedonali u bil-pavimentar u għamara oħra li tixraq ma' binja tassew importanti għall-istorja ta' pajjiżna.

7.3. Is-Sindku informa lill-membri illi qed jiċċekkja mal-Awtoritajiet tas-Saħħa dwar il-possibilità li isiru xi ħarġiet fix-xhur li ġejjin organizzati mill-Kunsill.

**8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8.1. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-istadju tal-Master Plan tal-pjazza li jinkludi l-imwejjed u s-siġġijiet tal-pjazza. Is-Sindku qal li għaddej ix-xogħol mal-Perit.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio ssuġġerit li jkun għaqli li ż-żebgħa li sargħet fuq it-tarġa tal-pjazza ta' fuq terġa issir filwaqt li xtaqet isemmi wkoll li fil-leġislatura preċedenti kienet sargħet talba sabiex issir plakka mad-dar li fiha għex is-Sur Francis Busuttil eks surmast tal-Banda de Paule. Il-Kunsilliera Delezio qalgħet li jekk mhux possibbli issir il-plakka tal-anqas għanda tissemma triq għalih. Is-Sindku qal li s-sid preżenti tad-dar ma kienx aċċetta li din issir u għaldaqstant qal li jkun xieraq li kif ikun hemm triq li tista' tissemma għalih il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra dan.

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 24 għas-somma ta' €62,657.16.

Kunsill Lokali Paola

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 28 ta’ Lulju 2021.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta’ Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |